MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 52/2009

**Fl-atti ta’ l-Ittra Gudizzjarja numru 5897/08**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**V.G. Tiles Co. Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih is-socjeta rikorrenti, wara li ppremettiet illi s-socjeta’ esponenti giet notifikata bl-ittra gudizzjarja sucitata li permezz taghha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab il-hlas tas-somma ta’ erbat elef u mija u erbatax-il elf Ewro (€4,114);

Illi s-somma li qeghda tintalab mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija in parte taxxa provizorja u in parte taxxa addizzjonali;

Illi s-socjeta' esponenti ma taqbilx ma dawn l-ammonti u ghalhekk qeghda prezentement topponi ghall-istess talba;

Illi l-esponenti tirrileva ukoll illi din ic-cifra hekk mitluba hija ibbazata fuq stimi maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u li l-istess esponenti ghandha bizzejjed provi sabiex turi illi l-ammont allegatament dovut m'huwiex dovut;

Talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tiddikjara t-talba maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-Ittra Gudizzjarja Numru 5897/08 bhala wahda infondata u okkorrendo;
(2) tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh sabiex l-esponenti tinghata l-opportunita illi tipprova l-opposizzjoni taghha ghall-istess talba, u dan a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-imsemmija ittra ufficjali in fotokopja, a fol 2 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-intimat (a fol 9 tal-istess atti) u li bih espona bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-procedura ta' l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla in vista tal-fatt illi r-rikors in risposta gie intavolat ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu mhuwiex applikabbl fic-cirkostanzi odjerni peress illi l-ittra ufficjali esekuttiva in materia nharrget abbazi ta' *lex specjalis*, ossija l-artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372)'

Illi li l-procedura adottata mill-Kummisarju tat-Taxxi Interni ai termini ta' l-Atti dwar it-Taxxi hija ben diversa mill-procedura stabbilita fl-artikolu 466 tal-Kap 12 fejn it-titolu ezekuttiv jigi ottjenut wara u permezz tal-hrug ta' Ittra Ufficjali. It-titolu ezekuttiv vvantat mill-esponenti fl-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2008 fl-ismijiet premessi gie ottjenut qabel u indipendentement mill-hrug ta' l-imsemmija Ittra ufficjali. Huwa evidenti minn qari akkurat

tat-Taqsima VII ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li t-titolu ezekuttiv li jgawdi l-esponenti Kummissarju ai termini ta’ l-artikolu 40 ta’ l-att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jikkonsisti fl-<u>avviz ta’ talba ghal hlas</u> li ghalih jirreferi l-Artikolu 40 tal-Kap 372. L-imsemmija Ittra Ufficjali inharget biss sabiex, wara jumejn min-notifika taghha, l-esponent ikun jista’ jipprocedi ghall-infurzar tal-hlas permezz tal-hrug tal-mandati ai termini ta’ l-Artikolu 44 tal-Kap 372. Isegwi allura li l-kontestazzjoni tal-quantum ta’ taxxa dovuta mis-socjeta’ rikorrenti ma tistax issir f’azzjoni li tattakka l-Ittra Ufficjali kienet qeghda zbaljatament tippretendi s-socjeta’ rikorrenti;

2. Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija ukoll irrita u nulla in kwantu ai termini ta’ l-Artikolu 460(1) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ‘ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista’ jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma’ jista’ jigi mitlub, kontra l-Gvern … hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita’ jew persuna kif intqal qabel, ta’ ittra ufficjali jew ta’ protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b’mod car’ u f’dan il-kaz is-socjeta’ rikorrenti ma nnotifikat ebda att gudizzjarju bhal dak previst fl-imsemmi Art 460.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-procedura idonea sabiex is-socjeta’ rikorrenti tressaq oggezzjoni ghas-somma in kwistjoni mitluba mill-esponent u, bir-rispett kollu, din l-Onorabbli Qorti lanqas hija vestita bil-kompetenza li tissindaka l-*quantum* ta’ taxxa dovuta liema sindakar jista’ jsir biss minn Avviz tar-Rifjut ta’ Oggezzjoni tal-Kummissarju skond il-procedura stipulata bl-Att dwar l-Amminsitrazzjoni tat-Taxxa u cioe’ tramite Appell lill-Bord ta’ Kummissarji Specjali dwar it-Taxxa fuq id-Dhul min stima jew stima addizzonali maghmula mill-esponent Kummissarju (ara Avvzi tar-Rifjut ta’ Oggezzjoni tal-Kummissarju) u Appell lill-Qorti ta’ l-Appell;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijet u l-pretensjonijiet tas-socjeta’ rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet

segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

a. Illi mhux minnu li s-somma mitluba hija '*in parte taxxa provizorja u in parte taxxa addizzjonali'* kif qeghda zbaljatament tallega s-socjeta' rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta s-somma ta' Euro 4,114 tirraprezenta taxxa pura, interessi u multi (formola tard) ghas-snin in kwistjoni.
b. Illi l-ammont pretiz in vista tat-titolu ezekuttiv ottjenut minnu ai termini ta' l-Atti dwar it-Taxxi huwa korrett u dovut fl-intier tieghu;

<u>Dwar is-Snin ta' Stima 2000, 2001, 2002, 2003, 2005 u 2006</u>

Illi jigi sottolineat li l-imsemmija prospetti ghas-snin ta' Stima 2000, 2001, 2002, 2003, 2005 u 2006 intbaghtu kollha tard. Konsegwentement, u kif jirrizulta ukoll mill-Avviz ta' Talba ghall-Hlas anness ma' l-Ittra Ufficjali (Dok A), l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' Stima 2000, 2001, 2002, 2003, 2005 u 2006 jirraprezenta Taxxa Addizzjonali (Formola Tard);

Illi jigi enfasizzat illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexxa fil-parametri tal-ligi fid-determinazzoni tat-taxxa addizzjonali dovuta mis-socjeta' V.G. Tiles Co. Ltd ghas-snin ta' Stima 2000, 2001, 2002, 2003, 2005 u 2006, liema taxxa addizzjonali tirrizulta <u>biss</u> minhabba nuqqasijiet u traskuragni tas-socjeta' V.G. Tiles Co. Ltd li tibghat il-formoli tat-taxxa entro termine;

<u>Dwar is-Sena ta' Stima 2007</u>

Illi kif taf-ben tajjeb is-socjeta' rikorrenti, hija naqset milli tibghat il-formola tas-*Self- Assessment* ghas-sena ta' Stima 2007. In vista tan-nuqqas u t-traskuragni tas-socjeta' rikorrenti (li tra l-altro ghada sal-lum qatt ma baghtet dan il-prospett), l-esponent Kummissarju ma kellux triq ohra hlief dik li jipprocedi ai termini ta' l-Artikolu 31 tal-Kap 372 sabiex jiddetermina fuq il-bazi ta' kalkolu l-ammont ta' taxxa dovut mis-socjeta' rikorrenti ghal dik is-sena ta' stima;

Illi, isegwi ukoll li ghas-sena ta’ Stima 2007 t-taxxa addizzjonali u l-interessi huma gusti u skond il-ligi. Jigi enfasizzat illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni mexa fil-parametri tal-ligi tad-determinazzjoni ta’ l-ammont dovut mis-socjeta’ V.G. Tiles Co. Ltd ghas-snin in kwistjoni u t-taxxa addizzjonali u l-interessi dovuti jirrizultaw biss minhabba nuqqasijiet u traskuragni tas-socjeta’ V.G. Tiles Co. Ltd li tibghat il-Formoli tat-Taxxa u thallas dak dovut minnha entro termine;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-espnenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat ukoll id-dokumenti annessi annessi mal-istess risposta u li jinsabu a fol 12 sa fol 15 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment fol 19, fol 20, fol 21, fol 22 u fol 24 ibid kif ukoll in-nota ta’ referenza prezentata mill-intimat a fol 25 ibid.

Ikkunsidrat

Illi jidher car illi meta gie presentat ir-rikors in esami, is-socjeta’ rikorrenti kienet qed tagixxi a bazi tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Pero hawnhekk trattasi ta’ procedura specjali a bazi tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta abbinat mal-artikolu 44 tal-istess ligi, kif hawn spjegat, b’mod korrett u préciz, fir-risposta tal-intimat b’mod specjali dwar dak li jinghad kif ‘avviz ghal talba ghal hlas’ li, f’din il-materja, jservi sabiex jigi ottenut titolu esekuttiv. Illi, inoltre, u limitament ghal kwistjoni ta’ ‘quantum’ ta’ taxxa pretiza, hemm ukoll spjegat ir-rimedju desponibbli ghal minn ghandu xi lment in rigward ammont ta’ taxxa pretiz.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher car illi r-rikors in esami hu irritwali ghal kollox u konsegwentement ghandu jigi akkolt dak sottomess fl-ewwel (1) u fit-tielet (3) paragarfu, fir-risposta tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad dak mitlub fir-rikors in esami. In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------